# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru   16**

**Avviz  numru   686/01/SM**

**Laferla Insurance Agency Limited**

**vs**

**Alfred Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u sittin centezmi (Lm2,516.64,0) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ossia premia ta' diversi poloz ta' assikurazzjoni mahruga bl-intervent tas-**

socjeta' attrici fuq talba u ghall-beneficcju tieghu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult fl-ammont ta' LM10.00,0, ta' ittra bonarja tat-12 ta Frar 2001 u tal-ittra ufficjali pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 2001 (kopja legali annessa Dok. A) fl-ammont ta' Lm13.50,0 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-dati rispettivi tal-hrug tal-imsemmija poloz kif l-istess dati ghandhom jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi hu wkoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha ddikjarat li qed iccedi l-atti tal-kawza stante pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza izda zzomm ferm il-kap ta' l-ispejjez;

Ezaminat id-desposizzjoni guramentata tal-konvenut datata z-17 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammetta t-talbiet kontenuti fl-avviz;

Ikkonsidrat:

Illi skond in-nota fuq indikata tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' din il-procedura stante l-ammissjoni tal-konvenut u l-effettiv pagament;

Illi in vista tal-premess, tilqa' t-talba attrici rigwardanti l-ispejjez u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Alfred Agius biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez ta' din il-procedura skond il-ligi.

John Farrugia
Deputat Registratur